A.L. 140 ta' l-1995

ATT DWAR IL-HINIJIET TAX-XOGĦOL TAL-ĦWIENET U TAL-BEJJIEGĦA FIT-TOROQ (KAP. 155)

Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet li jinsabu f'Lokalità Turistika (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet li jinsabu f'Lokalità Turistika (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet li jinsabu f'Lokalità Turistika, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 71 ta' l-1993.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-lokalità turistika "Xlendi" fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied din il-lokalità ġdida li ġejja f'Għawdex:

"Victoria.".